DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/640

tas-7 ta' April 2022

dwar regoli ta' implimentazzjoni għar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi prinċipali tas-sigurtà

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ([2]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/443 u (UE, Euratom) 2015/444 japplikaw għad-dipartimenti u l-bini kollha tal-Kummissjoni.

(2) Fejn meħtieġ, għandhom jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni biex jissupplimentaw jew jappoġġaw id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 f'konformità mal-Artikolu 60 tagħha.

(3) Il-miżuri ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha jenħtieġ li jkunu partikolarment proporzjonati mal-klassifikazzjoni tas-sigurtà tagħha.

(4) Il-miżuri ta' sigurtà għall-protezzjoni tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ([3]), b'mod partikolari l-Artikolu 3 dwar il-Prinċipji għas-sigurtà tal-IT fil-Kummissjoni u l-Artikolu 9 dwar is-Sidien tas-sistema.

(5) L-objettiv tar-regoli ta' implimentazzjoni dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi prinċipali tas-sigurtà huwa li jipprovdu gwida dwar il-prerekwiżiti u d-dmirijiet li huma stabbiliti għal dawk ir-rwoli fid-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/443 u (UE, Euratom) 2015/444.

(6) L-Artikolu 36(7) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 jistabbilixxi għadd ta' funzjonijiet addizzjonali relatati mas-sigurtà li għandhom jiġu assunti mill-Awtorità għas-Sigurtà tal-Kummissjoni. Il-kompiti relatati ma' dawn il-funzjonijiet huma stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(7) L-Uffiċjali tas-Sigurtà Lokali u l-Uffiċjali tal-Kontroll tar-Reġistru għandhom responsabbiltajiet speċifiċi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE fid-dipartimenti tagħhom skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.

(8) Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ([4]) li tagħti s-setgħa lill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kwistjonijiet ta' sigurtà li jadotta, f'isem il-Kummissjoni u taħt ir-responsabbiltà tagħha, ir-regoli ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 60 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444; sussegwentement, fit-13 ta' April 2021, il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kwistjonijiet ta' sigurtà adotta, f'isem il-Kummissjoni u taħt ir-responsabbiltà tagħha, deċiżjoni ([5]) li tissottodelega dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà,

([1]) ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41.
([2]) ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).
([4]) Id-Deċiżjoni C(2016) 2797 final tal-4 ta' Mejju 2016 dwar l-għoti tas-setgħa relatata mas-sigurtà.
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2684 final tat-13 ta' April 2021 li tagħti sottodelega ta' setgħat mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2797 dwar l-għoti tas-setgħa relatata mas-sigurtà.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi prinċipali tas-sigurtà li huma responsabbli għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) fil-Kummissjoni skont id-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/443 u (UE, Euratom) 2015/444.

2. Din id-Deċiżjoni tapplika għad-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni u fil-bini kollu tal-Kummissjoni.

KAPITOLU 2

Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà

Artikolu 2

L-Awtorità għas-Sigurtà tal-Kummissjoni

1. Id-Direttur tad-Direttorat tas-Sigurtà fid-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà għandu jkun l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Kummissjoni (*Commission Security Authority*, CSA) imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.

2. Is-CSA għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha fl-oqsma li ġejjin kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, f'konformità mal-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-Deċiżjoni:

(a) sigurtà tal-persunal;

(b) sigurtà fiżika;

(c) ġestjoni tal-IKUE;

(d) akkreditament ta' kwalunkwe sistema ta' komunikazzjoni u informazzjoni (*Communication and Information System*, CIS) li tittratta l-IKUE;

(e) sigurtà industrijali; kif ukoll

(f) skambju ta' informazzjoni klassifikata.

3. Is-CSA għandha tipprovdi taħriġ obbligatorju għall-Uffiċjali tas-Sigurtà Lokali (*Local Security Officers*, LSOs), id-deputati LSOs, l-Uffiċjali tal-Kontroll tar-Reġistru (*Registry Control Officers*, RCOs) u d-deputati RCOs dwar ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tagħhom.

Artikolu 3

L-Awtorità għall-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni

L-Awtorità għall-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni għandha tkun responsabbli għall-attivitajiet li ġejjin fir-rigward tal-protezzjoni tal-IKUE:

(a) l-iżvilupp ta' politiki ta' sigurtà tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni u linji gwida dwar is-sigurtà u l-monitoraġġ tal-effettività u l-pertinenza tagħhom;

(b) is-salvagwardja u l-amministrazzjoni tal-informazzjoni teknika relatata ma' prodotti kriptografiċi;

(c) l-iżgurar li l-miżuri ta' assigurazzjoni tal-informazzjoni jikkonformaw mal-politiki ta' sigurtà u ta' akkwist tal-Kummissjoni kif xieraq;

(d) l-iżgurar li l-prodotti kriptografiċi jintgħażlu f'konformità mal-politiki li jirregolaw l-eliġibbiltà u l-għażla tagħhom;

(e) il-konsultazzjoni mas-sidien tas-sistema, il-forniturі tas-sistema, l-atturi tas-sigurtà u r-rappreżentanti tal-utenti fir-rigward tal-politiki tas-sigurtà u l-linji gwida tas-sigurtà tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni.

Artikolu 4

L-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà (Security Accreditation Authority, SAA)

1. Is-CSA għandha tkun responsabbli għall-akkreditament ta' Żoni ta' Sigurtà li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni 2015/444 u s-CISs għat-trattament tal-IKUE.

2. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà f'koordinazzjoni mal-LSO u l-LISO tagħhom kif xieraq kull meta dipartiment ikun beħsiebu:

(a) jibni Żona ta' Sigurtà;

(b) jimplimenta CIS biex tittratta l-IKUE;

(c) jinstalla kwalunkwe tagħmir ieħor għat-trattament ta' informazzjoni klassifikata, inklużi konnessjonijiet ma' CIS ta' parti terza.

L-SAA għandha tipprovdi pariri fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet kemm matul l-ippjanar kif ukoll matul il-proċessi ta' kostruzzjoni jew żvilupp.

3. L-IKUE ma għandhiex tiġi ttrattata f'Żona ta' Sigurtà jew CIS qabel ma l-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà tkun ħarġet akkreditament fil-livell xieraq tal-IKUE.

4. Ir-rekwiżiti għall-akkreditament ta' Żona ta' Sigurtà għandhom jinkludu:

(a) l-approvazzjoni tal-pjanijiet għaż-Żona ta' Sigurtà;

(b) l-approvazzjoni ta' kwalunkwe kuntratt għal xogħlijiet imwettqa minn kuntratturi esterni, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà industrijali bħal kwalunkwe rekwiżit għall-approvazzjoni tas-sigurtà tal-kuntratturi u l-persunal tagħhom;

(c) id-disponibbiltà tad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati ta' konformità kollha meħtieġa;

(d) spezzjoni fiżika taż-Żona ta' Sigurtà biex jiġi vverifikat li l-materjali u l-metodi tal-bini, il-kontrolli tal-aċċess, it-tagħmir tas-sigurtà u kwalunkwe oġġett ieħor jikkonformaw mar-rekwiżiti maħruġa mis-CSA;

(e) il-validazzjoni tal-kontromiżuri kontra r-radjazzjoni elettromanjetika għal kwalunkwe Żona ta' Sigurtà teknika;

(f) l-approvazzjoni tal-proċeduri operattivi ta' sigurtà (*Security Operating Procedures*, SecOPs) għaż-Żona ta' Sigurtà.

5. Ir-rekwiżiti għall-akkreditament ta' CIS li tittratta l-IKUE għandhom jinkludu:

(a) il-ħolqien ta' Strateġija għall-Akkreditament tas-Sistema;

(b) il-validazzjoni tal-pjan ta' sigurtà tas-CIS, abbażi ta' approċċ ta' ġestjoni tar-riskju;

(c) il-validazzjoni tas-SecOPs għas-CIS;

(d) il-validazzjoni tad-dokumentazzjoni tas-sigurtà l-oħra kollha meħtieġa, kif determinat mill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà;

(e) l-approvazzjoni ta' kwalunkwe użu ta' teknoloġiji ta' kriptaġġ;

(f) il-validazzjoni tal-kontromiżuri kontra r-radjazzjoni elettromanjetika għal CIS li tittratta informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla;

(g) spezzjoni tas-CIS biex jiġi vverifikat li l-miżuri ta' sigurtà dokumentati huma implimentati b'mod korrett.

6. Wara t-twettiq b'suċċess tar-rekwiżiti għall-akkreditament, l-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà għandha toħroġ awtorizzazzjoni formali għat-trattament tal-IKUE fiż-Żona ta' Sigurtà jew CIS, għal livell massimu ddikjarat ta' IKUE u sa 5 snin, skont il-livelli ta' IKUE ttrattata u r-riskji involuti.

7. Man-notifika ta' ksur tas-sigurtà jew bidla sinifikanti fit-tfassil jew fil-miżuri ta' sigurtà ta' Żona ta' Sigurtà jew CIS, l-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà għandha tirrevedi u, jekk ikun meħtieġ, tista' tirrevoka l-awtorizzazzjoni biex tiġi ttrattata l-IKUE sakemm tiġi solvuta kwalunkwe kwistjoni identifikata.

Artikolu 5

L-Awtorità TEMPEST

1. Miżuri ta' sigurtà TEMPEST għandhom jiġu implimentati biex jipproteġu CIS li tittratta informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u jistgħu jiġu implimentati għal informazzjoni klassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

2. L-Awtorità TEMPEST għandha tkun responsabbli għall-approvazzjoni tal-miżuri meħuda għall-protezzjoni kontra l-kompromess tal-IKUE permezz ta' emanazzjonijiet elettroniċi mhux intenzjonati.

3. Fuq talba minn sid ta' sistema ta' CIS li tittratta l-IKUE, l-Awtorità TEMPEST għandha toħroġ speċifikazzjonijiet għal miżuri ta' sigurtà TEMPEST kif xieraq għal-livell ta' klassifikazzjoni tal-informazzjoni.

4. L-awtorità TEMPEST għandha twettaq ittestjar tekniku matul l-akkreditament ta' Żoni ta' Sigurtà u CIS għat-trattament tal-IKUE fil-livell ta' CONFIDENTIAL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla u, wara ttestjar b'suċċess, toħroġ ċertifikat TEMPEST.

5. Ċertifikat TEMPEST għandu jispeċifika mill-inqas:

(a) id-data tat-test;

(b) deskrizzjoni tal-miżuri ta' sigurtà TEMPEST, bi pjanijiet tal-bini;

(c) id-data ta' skadenza taċ-ċertifikat;

(d) kwalunkwe bidla li tinvalida ċ-ċertifikazzjoni;

(e) il-firma tal-Awtorità TEMPEST.

6. LSO jew organizzatur ta' laqgħa bir-responsabbiltà li jorganizza laqgħa klassifikata, f'koordinazzjoni mal-LSO, jista' jitlob lill-Awtorità TEMPEST biex tittestja l-kmamar tal-laqgħat sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu teknikament siguri.

Artikolu 6

L-Awtorità tal-Approvazzjoni Kripto

1. L-Awtorità tal-Approvazzjoni Kripto għandha tkun responsabbli għall-approvazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji tal-kriptaġġ.

2. L-Awtorità tal-Approvazzjoni Kripto għandha toħroġ gwida dwar ir-rekwiżiti għall-użu u l-approvazzjoni ta' teknoloġiji tal-kriptaġġ.

3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni Kripto għandha tapprova l-użu ta' soluzzjonijiet ta' kriptaġġ abbażi ta' talba minn sid is-sistema. L-approvazzjoni għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni sodisfaċenti ta' mill-inqas:

(a) il-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni li għandha tiġi protetta;

(b) ħarsa ġenerali lejn is-CIS involuta fis-soluzzjoni;

(c) valutazzjoni tar-riskji inerenti u residwi;

(d) deskrizzjoni tas-soluzzjoni proposta;

(e) is-SecOPs għas-soluzzjoni ta' kriptaġġ.

4. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tal-Kripto għandha żżomm reġistru tas-soluzzjonijiet ta' kriptaġġ approvati.

Artikolu 7

L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto

1. L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto għandha tkun responsabbli għad-distribuzzjoni ta' materjali kriptografiċi użati għall-protezzjoni ta' IKUE (prinċipalment tagħmir ta' kriptaġġ, ċwievet kriptografiċi, ċertifikati, u awtentikaturi relatati) lil dawn li ġejjin:

(a) utenti jew dipartimenti fil-Kummissjoni għal CIS li huma amministrati minn partijiet esterni;

(b) utenti jew organizzazzjonijiet barra l-Kummissjoni għal CIS li huma amministrati mill-Kummissjoni.

2. L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto tista' tiddelega d-distribuzzjoni ta' materjali kriptografiċi lil partijiet terzi lil dipartimenti oħra f'konformità mal-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2015/443.

3. L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto għandha tiżgura li l-materjali kriptografiċi kollha jintbagħtu permezz ta' kanali siguri li jipproteġu kontra u juru evidenza ta' kwalunkwe tbagħbis, f'konformità mar-regoli ta' sigurtà applikabbli għal-livell ta' klassifikazzjoni tal-IKUE li se tiġi protetta minn dawk il-materjali.

4. L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto għandha tipprovdi gwida lil-LSO u, fejn rilevanti, lill-Uffiċjal Lokali għas-Sigurtà tal-Informatika ta' kull dipartiment tal-Kummissjoni li huwa involut fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni jew l-użu tal-materjali kriptografiċi.

5. L-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto għandha tiżgura li jiġu stabbiliti SecOPs xierqa għall-proċess ta' distribuzzjoni.

KAPITOLU 3

Dipartimenti tal-Kummissjoni

Artikolu 8

Kapijiet ta' Dipartiment

1. Kull Kap tad-Dipartiment għandu jaħtar:

(a) LSO u deputat wieħed jew aktar fejn xieraq għad-dipartiment jew il-kabinett;

(b) RCO u deputat wieħed jew aktar fejn xieraq għal kull dipartiment li jopera reġistru ta' IKUE;

(c) sid ta' sistema għal kull CIS li tittratta IKUE.

2. Il-Kap tad-Dipartiment għandu jitlob l-approvazzjoni mid-Direttur tad-Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà qabel il-ħatra tal-LSOs, deputati LSOs, RCOs u deputati RCOs.

3. Il-Kap tad-Dipartiment għandu jidentifika l-karigi kollha li jeħtieġu awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE, f'konsultazzjoni mal-LSO. Il-kandidati għal tali karigi għandhom jiġu infurmati dwar ir-rekwiżit ta' approvazzjoni matul il-proċess ta' reklutaġġ.

4. Il-Kap ta' kwalunkwe dipartiment li jkollu IKUE għandu jkun responsabbli għall-attivazzjoni tal-qerda ta' emerġenza u l-pjanijiet ta' evakwazzjoni meta jkun meħtieġ. Il-pjanijiet għandhom jinkludu alternattiva għal sitwazzjonijiet meta l-Kap tad-Dipartiment ma jkunx jista' jiġi kkuntattjat.

Artikolu 9

Sidien ta' sistemi ta' CIS li jittrattaw IKUE

1. Is-sid tas-sistema għandu jikkuntattja lill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà malajr kemm jista' jkun fi proġett għall-implimentazzjoni ta' CIS li tittratta IKUE sabiex jiġu ddeterminati l-istandards u r-rekwiżiti ta' sigurtà rilevanti, u biex jinbeda l-proċess ta' akkreditament ta' sigurtà.

2. Is-sid tas-sistema għandu jiżgura li l-miżuri ta' sigurtà jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà u li s-CIS ma tittrattax IKUE qabel ma tkun ġiet akkreditata.

3. Is-sid tas-sistema għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Approvazzjoni Kripto għall-approvazzjoni biex juża kwalunkwe teknoloġija kriptata. Is-sidien tas-sistema ma għandhomx joperaw teknoloġiji ta' kriptaġġ f'sistemi ta' produzzjoni mingħajr approvazzjoni minn qabel.

4. Is-sid tas-sistema għandu jikkonsulta l-LISO tad-dipartiment għal kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tas-CIS.

5. Is-sid tas-sistema għandu jirrevedi l-miżuri ta' sigurtà li jiġu applikati għal sistema, inkluż il-pjan ta' sigurtà tagħha, mill-inqas darba fis-sena.

6. Meta jseħħ inċident ta' sigurtà f'CIS fejn ikun indikat li s-CIS ma tkunx tista' tipproteġi l-IKUE b'mod adegwat, is-sid tas-sistema għandu jinforma lil-LSO u jikkuntattja minnufih lill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà għal parir dwar kif għandu jipproċedi. F'dan il-każ, l-akkreditament jista' jiġi sospiż u s-sistema tista' titwaqqaf sakemm tittieħed azzjoni korrettiva xierqa.

7. Is-sid tas-sistema għandu jagħti lill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà appoġġ sħiħ f'kull ħin fid-dmirijiet ta' din tal-aħħar relatati mal-akkreditament tas-CIS.

Artikolu 10

Awtorità Operattiva tal-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni

L-Awtorità Operattiva tal-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni għal kull CIS għandha:

(a) tistabbilixxi dokumentazzjoni ta' sigurtà f'konformità mal-politiki u l-linji gwida ta' sigurtà, b'mod partikolari l-pjan ta' sigurtà, is-SecOPs relatati mas-sistema u d-dokumentazzjoni kriptografika fil-proċess ta' akkreditament tas-CIS;

(b) tipparteċipa fl-għażla u l-ittestjar tal-miżuri, it-tagħmir u s-software tekniċi ta' sigurtà speċifiċi għal sistema, biex tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom u biex tiżgura li dawn ikunu installati, ikkonfigurati u miżmuma b'mod sigur skont id-dokumentazzjoni ta' sigurtà rilevanti;

(c) tipparteċipa fl-għażla ta' miżuri u apparati ta' sigurtà TEMPEST, jekk meħtieġ fil-pjan ta' sigurtà, u, f'kooperazzjoni mal-Awtorità TEMPEST, tiżgura li dawn jiġu installati u miżmuma b'mod sigur;

(d) timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-SecOPs relatati mat-tħaddim tas-sistema;

(e) timmaniġġja u titratta prodotti kriptografiċi, f'kollaborazzjoni mal-Awtorità tad-Distribuzzjoni Kripto, biex tiżgura l-kustodja xierqa ta' materjali kriptografiċi u oġġetti kkontrollati u, jekk meħtieġ, tiżgura l-ġenerazzjoni ta' varjabbli kriptografiċi;

(f) twettaq rieżamijiet u testijiet tal-analiżi tas-sigurtà, b'mod partikolari biex tipproduċi r-rapporti rilevanti dwar ir-riskji, kif meħtieġ mill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà;

(g) tipprovdi taħriġ ta' Assigurazzjoni tal-Informazzjoni speċifiku għas-CIS;

(h) timplimenta u topera miżuri ta' sigurtà speċifiċi għas-CIS.

KAPITOLU 4

Uffiċjal għas-Sigurtà Lokali

Artikolu 11

Ħatra tal-LSO

1. L-LSO u d-deputati LSOs għandhom ikunu uffiċjali jew aġenti temporanji.

2. L-LSOs u d-deputati LSOs kollha għandu jkollhom awtorizzazzjoni ta' sigurtà valida biex jaċċessaw IKUE sal-livell ta' SECRET UE/EU SECRET, u sal-livell ta' TRES SECRET UE/EU TOP SECRET fejn meħtieġ. L-LSO jew id-deputat LSO għandu jikseb l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà qabel il-ħatra tiegħu.

3. Ir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni jistgħu jitolbu lis-CSA biex tagħmel eċċezzjoni għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 12

Proċeduri operattivi ta' sigurtà għal Żoni ta' Sigurtà

1. L-LSO tad-dipartiment tal-Kummissjoni kkonċernat għandu jfassal SecOPs għal kull Żona ta' Sigurtà taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

2. L-LSO għandu jiżgura li s-SecOPs jinkludu r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huma biss il-membri tal-persunal b'awtorizzazzjoni ta' sigurtà valida u ħtieġa stabbilita li jaċċessaw dokumenti klassifikati bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla li għandhom ikunu permessi aċċess mingħajr skorta għal Żona ta' Sigurtà matul il-ħinijiet tal-uffiċċju;

(b) aċċess mingħajr skorta għal Żona ta' Sigurtà barra mill-ħinijiet tal-uffiċċju għandu jingħata biss lil-LSO tad-dipartiment, lill-RCO(s) taż-Żona ta' Sigurtà, lid-deputati tagħhom, u lill-persunal awtorizzat mid-Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà;

(c) apparati ta' reġistrazzjoni u komunikazzjoni bħal telefowns ċellulari, kompjuters, kameras jew apparati intelliġenti oħra ma għandhomx ikunu permessi fiż-Żoni ta' Sigurtà mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mis-CSA; kwalunkwe deroga għandha tintalab mis-CSA minn qabel; l-LSO għandu jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt;

(d) il-persunal intern jew estern kollu li jeħtieġ aċċess għal Żona ta' Sigurtà iżda li ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti fil-punt (a) hawn fuq għandu jiġi skortat u ssorveljat f'kull ħin minn membru tal-persunal debitament awtorizzat; l-aċċess kollu bħal dan għal Żona ta' Sigurtà għandu jiġi rreġistrat f'reġistru miżmum fl-entrata għaż-Żona ta' Sigurtà;

(e) l-LSO għandu jiżgura li s-sistemi ta' detezzjoni ta' intrużjoni li jimmonitorjaw Żona ta' Sigurtà jkunu attivi u jiffunzjonaw kif suppost f'kull ħin, u għandu jimmaniġġja l-passwords, iċ-ċwievet, il-PINs jew mekkaniżmi oħra ta' aċċess u awtentikazzjoni relatati kollha.

(f) allarmi f'Żona ta' Sigurtà għandhom jiġu rrappurtati lid-Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà, li għandu jinnotifika minnufih l-LSO;

(g) l-LSO tad-dipartiment fejn tinsab iż-Żona ta' Sigurtà għandu jżomm rekord ta' kull intervent wara allarm jew inċident ta' sigurtà;

(h) għandu jkun hemm proċeduri fis-seħħ biex ikopru każ ta' allarm jew sitwazzjoni oħra ta' emerġenza fiż-Żona ta' Sigurtà, inkluża l-evakwazzjoni tal-persunal u l-iżgurar ta' rispons rapidu minn tim ta' emerġenza taħt l-awtorità tas-CSA u s-servizzi esterni ta' emerġenza kif meħtieġ;

(i) l-LSO għandu jirrapporta minnufih kwalunkwe ksur tas-sigurtà li jseħħ ġewwa jew li jinvolvi Żona ta' Sigurtà lis-CSA sabiex jiddetermina r-rispons xieraq;

(j) uffiċċji, kmamar u kaxxaforti individwali f'Żona ta' Sigurtà għandhom jinżammu msakkra kull meta jitħallew waħedhom;

(k) il-persunal għandu jevita li jiddiskuti informazzjoni klassifikata fil-kurituri jew f'oqsma komuni oħra taż-Żona ta' Sigurtà meta individwi mhux awtorizzati jkunu fil-viċinanza.

Artikolu 13

Ċwievet u kombinazzjonijiet tas-sigurtà

1. L-LSO għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali li jiżgura t-trattament u l-ħażna xierqa taċ-ċwievet u l-kombinazzjonijiet użati fiż-Żoni ta' Sigurtà jew għall-aċċess għalihom. Iċ-ċwievet u l-kombinazzjonijiet għandhom jinħażnu f'kontenitur tas-sigurtà u għandhom ikunu protetti tal-inqas bħall-istess livell tal-materjal li jagħtu aċċess għalih.

2. L-LSO għandu jżomm reġistru tal-kontenituri tas-sigurtà u tal-kmamar tas-sigurtà, flimkien ma' lista aġġornata tal-membri tal-persunal kollha li jkollu aċċess għalihom mingħajr skorta.

3. L-LSO għandu jżomm reġistru taċ-ċwievet għall-kontenituri tas-sigurtà u l-kmamar tas-sigurtà, inklużi l-membri tal-persunal li jkunu ġew allokati lilhom. Għandha tinżamm riċevuta għal kull ċavetta li tinħareġ, inklużi l-identifikazzjoni taċ-ċavetta, ir-riċevitur, id-data u l-ħin.

4. Iċ-ċwievet u l-kombinazzjonijiet għandhom jinħarġu biss lill-persunal li jkollu bżonn ikun jaf u li jkun ingħata l-awtorizzazzjoni xierqa biex jaċċessa l-IKUE. L-LSO għandu jirkupra kwalunkwe ċavetta meta dawk il-kundizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

5. L-LSO għandu jżomm ċwievet żejda u rekord bil-miktub ta' kull konfigurazzjoni ta' kombinazzjoni f'envelops individwali ssiġillati, opaki, iffirmati u datati li għandhom jiġu pprovduti mill-membru tal-persunal responsabbli għaċ-ċwievet. Dawk l-envelops għandhom jinżammu f'kontenitur tas-sigurtà li jkun ikklassifikat għall-ogħla klassifikazzjoni ta' materjal li jkun maħżun fil-kontenitur jew fil-kamra ta' sigurtà rilevanti.

6. Jekk, wara bidla fil-kombinazzjoni jew fir-rotazzjoni taċ-ċavetta, envelop juri evidenza ta' tbagħbis jew ħsara, l-LSO għandu jittratta dan bħala inċident ta' sigurtà u jinforma minnufih lis-CSA.

7. Bidliet fil-konfigurazzjonijiet kombinati tal-kontenituri tas-sigurtà f'Żoni ta' Sigurtà għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni tal-LSO. Il-kombinazzjonijiet għandhom jiġu ssettjati mill-ġdid mill-inqas kull 12-il xahar u kull meta:

(a) jiġi riċevut kontenitur ġdid jew tiġi installata serratura ġdida (b'mod partikolari, il-kombinazzjonijiet prestabbiliti għandhom jinbidlu minnufih);

(b) ikun suspettat jew ikun seħħ kompromess;

(c) l-aċċess ma jkunx għadu meħtieġ minn persuna li jkollha kombinazzjoni.

8. L-LSO għandu jżomm rekord tad-dati tal-bidliet fil-kombinazzjoni msemmija fil-paragrafu 7.

Artikolu 14

Pjanijiet ta' evakwazzjoni u qerda ta' emerġenza tal-IKUE

1. L-LSO għandu jassisti lill-Kap tad-Dipartiment fl-istabbiliment ta' pjanijiet ta' evakwazzjoni u qerda ta' emerġenza għall-IKUE, abbażi tal-gwida pprovduta mill-HR.DS.

2. L-LSO għandu jiżgura li kwalunkwe tagħmir meħtieġ għat-tħaddim tal-pjanijiet previsti fil-paragrafu 1 ikun disponibbli faċilment u jinżamm f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim.

3. L-LSO, flimkien mal-uffiċjali nnominati fil-pjanijiet previsti fil-paragrafu 1, għandhom jirrevedu l-istat ta' tħejjija tal-pjanijiet mill-inqas kull 12-il xahar u għandhom jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jaġġornawhom.

Artikolu 15

Awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà

1. L-LSO għandu jżomm rekord tal-karigi kollha fi ħdan id-dipartiment li jeħtieġu awtorizzazzjoni tas-sigurtà tal-Kummissjoni u tal-persunal li jokkupa dawk il-postijiet. Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà għandu jkun speċifikat fl-avviż ta' post battal matul il-proċess ta' reklutaġġ u nnotifikat lill-kandidat matul l-intervista.

2. L-LSO jissorvelja t-talbiet kollha għal awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà għal aċċess għal IKUE. L-LSO għandu jkun il-punt ta' kuntatt fi ħdan id-dipartiment u għandu jikkomunika mas-CSA għall-awtorizzazzjonijiet tas-sigurtà.

3. L-LSO għandu jibda t-talba biex titnieda l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tas-sigurtà fir-rigward tal-membru tal-persunal ikkonċernat u għandu jiżgura li l-membru tal-persunal jirritorna l-kwestjonarju tal-approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali minnufih lis-CSA.

4. L-LSO għandu jiżgura li l-membri tal-persunal b'approvazzjoni tas-sigurtà fid-dipartiment isegwu t-tgħarrif obbligatorju tal-IKUE sabiex jiksbu l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà tagħhom.

5. L-LSO għandu jikkollabora regolarment mas-servizz tar-riżorsi umani tad-dipartiment għal informazzjoni dwar il-bidliet kollha fil-pożizzjonijiet li jeħtieġu awtorizzazzjoni ta' sigurtà u għandu jinforma lis-CSA immedjatament bi kwalunkwe bidla bħal din.

6. L-LSO għandu jinforma lis-CSA bil-wasla ta' membru tal-persunal ġdid li jkollu approvazzjoni tas-sigurtà eżistenti biex jieħu pożizzjoni li teħtieġ membru tal-persunal awtorizzat għas-sigurtà.

7. L-LSO għandu jiżgura li l-membri tal-persunal fid-dipartiment ilestu l-proċedura għat-tiġdid ta' approvazzjoni tas-sigurtà sal-iskadenza meħtieġa. Kwalunkwe membru tal-persunal li jirrifjuta li jlesti l-proċedura għandu jkun obbligat li jittrasferixxi għal pożizzjoni li ma teħtieġx membru tal-persunal awtorizzat għas-sigurtà.

Artikolu 16

Reġistru tal-IKUE

1. Fejn dipartiment jopera reġistru tal-IKUE, l-LSO għandu jissorvelja l-attivitajiet tal-RCOs rigward it-trattament tal-IKUE u l-konformità mar-regoli tas-sigurtà dwar il-protezzjoni tal-IKUE.

2. L-LSO għandu jwettaq il-kontrolli li ġejjin mill-inqas kull 12-il xahar u meta jinbidel RCO jew deputat RCO:

(a) kontroll fuq kampjun ta' dokumenti fir-reġistru tal-IKUE biex jiġi kkonfermat l-istatus tagħhom u l-preċiżjoni tar-reġistru ta' dokumenti klassifikati;

(b) kontroll fuq kampjun ta' riċevuti u slips tat-trażmissjoni għad-distribuzzjoni ta' IKUE lejn u mir-reġistru tal-IKUE;

(c) kontroll fuq kampjun ta' ċertifikati tal-qerda.

3. Mill-inqas darba fix-xahar, l-LSO għandu jwettaq verifiki fuq il-post fuq ir-reġistru tad-dokumenti klassifikati u fuq dokumenti klassifikati riċevuti reċentement biex jiżgura li d-dokumenti jkunu qed jiġu rreġistrati b'mod korrett.

4. Il-verifiki kollha għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tad-dokumenti klassifikati.

Artikolu 17

Responsabbiltajiet oħra ta' sigurtà

Ir-responsabbiltajiet l-oħra ta' sigurtà tal-LSO għandhom jiġu stabbiliti f'avviż ta' sigurtà li jkopri b'mod partikolari s-sigurtà fiżika ta' persuni, bini u assi oħra, u informazzjoni.

KAPITOLU 5

Uffiċjal tal-Kontroll tar-Reġistru

Artikolu 18

Ħatra tal-RCO

1. L-RCO u d-deputati RCOs għandhom ikunu uffiċjali jew aġenti temporanji.

2. L-RCOs u d-deputati RCOs kollha għandu jkollhom awtorizzazzjoni ta' sigurtà valida biex jaċċessaw IKUE sal-livell ta' SECRET UE/EU SECRET, u sal-livell ta' TRES SECRET UE/EU TOP SECRET fejn meħtieġ. L-RCO jew id-deputat RCO għandu jikseb l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà qabel il-ħatra tiegħu.

3. Ir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni jistgħu jitolbu lis-CSA biex tagħmel eċċezzjoni għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 19

Responsabbiltajiet

1. L-RCOs għandhom jirreġistraw informazzjoni klassifikata bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla għal finijiet ta' sigurtà meta:

(a) tasal fi jew titlaq minn dipartiment tal-Kummissjoni; jew

(b) tasal jew toħroġ minn CIS.

2. L-RCOs għandhom jirreġistraw l-avvenimenti kollha fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-informazzjoni kollha kklassifikata bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla. L-RCOs għandhom jiżguraw ukoll li jinżamm rekord tal-informazzjoni kollha kklassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tagħha li tiġi skambjata ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan għandu jsir f'koordinazzjoni mar-reġistru tal-IKUE ġestit mis-Segretarjat Ġenerali.

3. L-RCO għandu jirreġistra dokumenti klassifikati CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla fir-reġistru tad-dokumenti klassifikati u jiżgura li jinħażnu b'mod sigur fir-reġistru tal-IKUE.

4. L-RCO għandu jassisti lill-persunal tal-Kummissjoni fil-ħolqien u t-trażmissjoni ta' informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla.

5. Meta dokumenti klassifikati bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla jiġu riċevuti minn dipartimenti jew partijiet esterni oħra, l-RCO għandu jiżgura li l-irċevuta tal-konsenja tintbagħat lura kif dovut lill-oriġinatur.

6. Qabel ma membru tal-persunal jitħalla jaċċessa dokument klassifikat miżmum mir-reġistru tal-IKUE, l-RCO għandu jivverifika mal-LSO li l-membru tal-persunal huwa awtorizzat mis-CSA.

7. L-RCO għandu jirreġistra l-persunal kollu li jidħol u joħroġ mir-reġistru tal-IKUE li ma jkunx awtorizzat li jkollu aċċess minħajr skorta u jakkumpanjah għat-tul taż-żjara tiegħu.

8. Meta membru tal-persunal jieħu dokument għal konsultazzjoni barra r-reġistru tal-IKUE, l-RCO għandu jiżgura li jkun konxju mill-miżuri ta' sigurtà kompensatorji rilevanti u li l-membru tal-persunal jirritorna d-dokument hekk kif dan ma jibqax meħtieġ. L-RCO għandu jfakkar lill-persunal biex jirritorna kwalunkwe dokument bħal dan malajr kemm jista' jkun.

9. Ir-reġistru tal-IKUE għandu joħroġ ċertifikat tal-kurjer jekk id-dokumenti klassifikati jinġarru bl-idejn barra mill-pajjiż li fih jinsab ir-reġistru.

10. Struzzjonijiet dettaljati għall-RCOs dwar ir-reġistrazzjoni ta' dokumenti klassifikati għandhom jiġu stabbiliti f'avviż ta' sigurtà.

Artikolu 20

Tnaqqis fil-grad u deklassifikazzjoni

L-RCO għandu jassisti lid-dipartimenti tal-oriġini fil-proċess ta' rieżami tal-IKUE rreġistrata biex jaċċerta ruħu jekk il-livell ta' klassifikazzjoni oriġinali jkunx għadu xieraq, jew jekk id-dokument jistax jitnaqqas fil-grad jew jiġi deklassifikat.

Artikolu 21

Qerda

1. L-RCOs għandhom ikunu responsabbli għall-qerda ta' informazzjoni klassifikata bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL u ogħla b'mezzi approvati, fejn xieraq fil-preżenza ta' xhieda approvati mis-sigurtà.

2. L-RCOs għandhom jirreġistraw kwalunkwe qerda ta' informazzjoni klassifikata bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL u ogħla fir-reġistru tad-dokumenti klassifikati u jżommu ċ-ċertifikati ta' qerda korrispondenti fir-reġistru tal-IKUE.

Artikolu 22

Kompiti addizzjonali

1. L-RCO għandu jipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa lil-LSO meta l-LSO jwettaq attivitajiet superviżorji fir-reġistru tal-IKUE.

2. L-RCO għandu jirrapporta kwalunkwe inċident ta' sigurtà suspettat jew attwali lil-LSO, li min-naħa tiegħu għandu jirrapportah lis-CSA.

3. L-RCO tar-reġistru tal-IKUE ta' dipartiment tal-Kummissjoni li jorganizza laqgħa klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla għandu jħejji l-IKUE li se tiġi ttrattata matul il-laqgħa u għandu jikkoordina mal-organizzatur tal-laqgħa biex jiżgura li d-dokumenti u l-irċevuti kollha jiġu ttrattati f'konformità mar-regoli rilevanti.

KAPITOLU 6

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 23

Trasparenza

Din id-Deċiżjoni għandha tingħieb għall-attenzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni u tal-individwi kollha li tapplika għalihom, u għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 24

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Gertrud INGESTAD
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà